Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn
Geniev Zerafa

u

Phone Direct Ltd
Kaz numru 2270JB
Dwar allegazzjoni ta' ghoti ta' fastidju.
Illum sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Decizjoni numru 1803

Chairman Dr. Dr. Joseph P Bonnici LL.D

Jesponi bir-rispett

Introduzzjoni

Illi b' rikors prezentat fil wiehed u ghoxrin (21) ta' April 2005, l-appellanti talbet lil dan it-Tribunal sabiex abbazi tal-artikli 29 u 30 tal Kap erbgha mija tnejn u hamsin (452) tal-Ligijiet ta' Malta jinvestiga l-allegazzjoni taghha ta' fastidju sesswali u jakkorda kumpens ragonevoli.

Fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena 2005 ipprezentat stqarrija tal-kaz taghha fejn tat id-dettalji dwar l-allegat lament taghha. Is-societa intimata da parti taghha fl-istqarrija prezentat fis-17 ta' Gunju ta' l-istess sena cahdet kull allegazzjoni ta' l-appellanti fil konfront taghha.

<u>Provi</u>

Illi l-appellanti u d-Direttur Manigerjali Ray Galea taw xhieda estensiva biex jipprovaw il-kaz taghhom, kif ukoll ipprezentaw u ipproducew diversi xhieda sabiex jissostanzjaw ukoll il-verzjonijiet minnhom moghtija.

Is-societa intimata ipproduciet bhala xhieda lil Anton Ferris (l-accountant taghha), Catherine Galea (il-mara tad-Direttur Manigerjali), Charlene Aguis, Christopher Galea (it-tifel taghhom), Austin Compagno , Christian Briffa u Mariolina Schembri.L-appellanti pproduciet bhala xhieda lil Annalise Abela, Jonathan Aquilina u Jonathan Azzopardi.

Konsiderazzjonijiet

Illi jigi relevet ab initio illi l-artikoli invokati mill-appellanti huma artikoli li gew introdotti fis-sistema legali nostrali ghal-ewwel darba bil-promulgazzjoni tal-Kapitlu 452.Fil-ligi precedenti l-Kap 266 dawna ma kinux jezistu.

Naturalment dina l-introduzzjoni taghhom kienet zieda naturali fil-kors ta' matul iz zminjiet in vista li l-kundizzjonijiet fuq il-post tax-xoghol imbidlu u dan ghal diversi ragunijiet. Allura l-legislatur taghna hass n-necessita illi dan it-tip ta' komportament m ghandux ikun accetat fuq il-post tax-xoghol minhabba li jattakka l-integrita u l-komportament ta' haddiem u/jew principal fil-qadi ta' dmirijietu.

Komportament simili m'huwiex necessarju sabiex principal jipprovdi post tax-xoghol. Ghandu ikollu introjtu mill investiment tieghu kif ukoll illi komportament tali m ghandux ikun formanti parti mill-kondizzjonijiet tax-xoghol ta' impjegat u/jew ikun mitlub minghandu.

Filwaqt illi proceduri kriminali jkunu diretti lejn dik l-persuna propja li allegatament ikkommetiet dawk il-ksur li johrog mill-ligi. Proceduri simili jew bhal dawk odjerni l-intimat ikun il-principal. Huwa fid-dover illi l-principal li jipprovdi ambjent salutevoli fl-ahjar interessi sia tal haddiema u sia ta' l-azjenda tieghu stess.

Fil-kaz odjerna saru diversi allegazzjonijiet fil-konfront tad-Direttur Manigerjali stess dwar il-gestjoni tal-kumpanija. Meta t-Tribunal xtar il-provi prodotti u d-dikjarazzjonijiet tal-persuni li kienu jahdmu fuq il-post tax-xoghol u diversi minnhom ghadhom jahdmu fuq l-istess post tax-xoghol, jirrizulta illi hemm qbil fuq diversi punti,sia fuq il-komportament personali tad-Direttur Manigerjali u sia fuq diversi membri ta' l-istaff.

Jinghad ukoll ghalkemm l-komportament tal-membri ta' l-istaff kien a konoxxenza ta' l-istess principal, dan ma ha l-ebda passi biex dak il-konportament jigi stronkat. Kif stqarr huwa stess,huwa kellu hafna affarijiet fuq mohhu x' jiehu hsieb minhabba n-negozju tieghu,d-diversi kumpaniji li kien jopera,n-numru ta' impjegati li kienu jahdmu mieghu,il-mijiet

tal-klijenti u x-xoghol li kien jaghmel u ghalkemm kien jghaddi certu osservazzjonijiet biex il-komportament jieqaf xorta wahda dak il-komportament baqa vigenti.

Dana hu konfermat min-nies stess li gew prodotti biex jaghtu ix-xhieda taghhom. In ultima analizi huwa l-principal li huwa responsabbli skond il-ligi li jara li fuq il-lant tax-xoghol tieghu, l-impjegati bejniethom u il-management mal-impjegati igibu ruhhom ma' xulxin b tali mod u manjiera illi d-dinjita ta kull membru li qed dan fuq dak il-post tax-xoghol ma jigiex nomat minhabba toni ta' intimitdazzjoni u/jew suggestjonijiet sesswali,Fastidju ta' dan in-natura m' ghandux jigi permess.

Ma hiex difiza lanqas isir allegazzjoni li l-istess appellant lamentarju jigi allegat u/jew jigi akkuzat li kien komplici f'tali ezercizzju. Hawnhekk ikun akbar in-nuqqas tal-principal li ghandu jaghraf jikkontrolla in-nies li jahdmu mieghu fuq il-post tax-xoghol.

Zgur li m huwiex komportament tal-propjetarju ta' l-azjenda illi una volta mxarrab bix-xita flok mar lura lejn id-dar u/jew ottjena abbiljament niexef qaghad jigri fuq il-post tax-xoghol f' l-ufficju cirkoskritt fl-ispazju u fil-prezenza tal- impjegati tieghu liebes solament bil-long johns.

Lanqas hu komportament ta' principal li mhux talli kien jghaddi cajt u minflok ha passi immedjati izda illi f diversi kazijiet minnhom kien komparteci hu ukoll.

Id-diskors li ghandu jinghad ghandu jkun ta' certu portata u ta' certa diligenza u attenzjoni illi jikkrea ambjent familjari fq il-post tax-xoghol u mhux jinghad certu cajt sabiex xi impjegat/i joqghodu jigi imdahhka ghas-spejjes ta' impjegat iehor.

Veru illi l-ambjent tax-xoghol sar wiehed kompettittiv.Irrid ikun hemm attenzjoni debita massima min-naha tal-principal biex jissalvagwardja l-interessi kummercjali tieghu pero dana ghandu jsir mhux a spejjes jew a skans ta ksur tad-drittijiet legittimu appartenenti lill-impjegati tieghu.

Ma giet prodotta l-ebda prova min naha tas-societa intimata illi una volta kienet taf b dak li kien qed jigri hadet xi passi ta' dixxiplina kontra xi hadd mill impjegati, anchorhe' kienet taf x kien qed jigri fuq il-post tax-xoghol taghha.

Gie allegat mis-societa intimata illi kien difficli ferm biex wiehed jikkontrolla certu numru ta impjegati li kellhom eta' tenera u immatura. Pero ghandu jigi ribadit illi una volta kienu ghadhom zghar u kien hemm certu numru il-grad ta' l-attenzjoni li tinghata

mis-societa intimata kellha tkun ta' grad akbar minn dak li kieku l-eta ta l-impjegati kienet tkun aktar matura.
Impjegati ta' certa eta' ghandhom ikollhom bzonn aktar ta' kontroll u dixxiplina fuqhom.Haga li s-soceita intimata naqset li taghmel. It-Tribunal ha l-impressjoni illi l-attenzjoni tal- kumpanija kienet aktar mohhha fil-performance u rizultat li kienu qeghdin jaghtu l-impjegati taghha u mhux akkost ta' kollox kif kienu qeghdin gibu ruhhom.

Una volta is-societa intimata kienet taf b' dak li qed jigri ma pproduciet xejn biex jindika x passi rimedjali hadet. Una volta s-societa intimata kienet taf x'kien qieghed jigri fuq il-post tax-xoghol,kien fid-dover taghha li l-impjegati jilbsu dicentament, ma jsirx uzu mis-sistema ta' l-internet ghal certu websites,ma jkunx hemm loghob goff bejn l-impjegati,ma jsirx cajt goff b'ton sesswali fuq il-post tax-xoghol.Id-direttur manigerjali kellha jikkomporta ruhu ta' missier l-impjegati u jghati ezempju tajjeb.Dana kollu s-societa intimata kienet fid-dover taghha li tara li jigi attwat u mhux sempliciment taghalq mhux ghajn wahda imma zewg ghajnejn fl-interess uniku li jkun hemm avvanz fl-izvilupp kummercjali taghha.

Jekk id-direttur Manigerjali ma kellu cans ghal dawn l-affarijiet messu inkariga lil xi hadd mill management tal-kumpanija biex jiehu hsieb dan il-komportament fuq ix-xoghol kif ukoll li jipprovdi persuna lejn minn l-impjegat setgha jirrikorri meta lamenti simili jigru bil-miftuh.

Fil-konfront ta' l-odjerna appellanti,is-societa intimata naqset bil-kbir billi mhux biss ma pprovditx ambjent fejn tali kondotta ma tkunx accettata izda una volta kienet taf u ma hadet l ebda passi sabiex il-kondotta tigi estromessa mill-ewwel.

Kumpens

Illi l-appellanti ma baqghetx tahdem mas-societa intimata li kontra taghha hemm proceduri differenti pero quddiem dan it-Tribunal Industrijali u qed titlob kumpens ghan-nuqqas tal-kumpanija.

It-Tribunal wara li ra l-artiklu 29 (12C) u (30) tal-Kap 452 tiffissa s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) (€2329.4).

Konkluzjoni

Illi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi l-iddikjara l-kumpanija naqset illi tipprovdi post tax-xoghol fejn l-appellanti ma tkunx soggetta ghal kondotta ta ghoti ta' fastidju ai terminu ta' l-artikoli fuq indikati u

tikkundanna lil istess kumpanija li thallasa s-somma t' elf lira Maltija (Lm1000) (€2330), bhala kumpens.Ai termini tal-Att 79 qed jiffissa d-drittijiet fis-somma ta' tletin lira Maltin (Lm30)  (€69.88).

---

**Dr. Joseph P Bonnici**

**Chairman**